MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2001

Avvi$Z Numru. 1067/2000/1

Avviz Nru.: 1067/00

Nutar Dr Carmelo Lia bhala amministratur, u martu Margaret Lia, Helen Micallef mart Victor, John, Daniel u Paul, ahwa Zarb, Ralph u t-Tabib Noel, ahwa Camilleri, Olga Zarb, armla ta' Gerald u wliedha Josephine Felice mart il-Kirurgu Arthur, Anton, Alex, Godwin, u t-Tabib Christopher, ahwa Zarb, ilkoll bhala eredi u successuri tal-mejtin Joseph u Carolina konjugi Zarb

Vs

Anthony Formosa

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu lill-konvenut jigi kkundannat li jizgombra mill-flat numru tmienja (8), f'kerrejja numru wiehed u ghoxrin (21), Triq Censu

Bugeja, Hamrun okkupat mill-konvenut illegalment, bla ebda titolu u abbusivament.

Bl-ispejjez u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-atturi, kontra l- konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal fini tal-kompetenza l-valur gie dikjarat li huwa taht l-elf lira.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lill-attur Nutar Dr Carmelo Lia, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut Anthony Formosa sabiex jizgombra mill-flat numru tmienja (8), fil-kerrejja numru wiehed u ghoxrin (21), Triq Censu Bugeja, Hamrun, ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, u ghal fini ta' l-izgumbrament qeghda tipprefiggi t-terminu ta' xahar millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------